MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 95/2005

**Montaldo Insurance Agency Limited (C 1052) bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Neville Delmar u l-istess Neville Delmar (I.D. 348582M)**

**Vs**

**Jason Magro (I.D. 10184M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' seba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm721.34c) rapprezentanti danni rizultanti minn kollizjoni li sehhet fit-22 t'Awissu, 2004 fi Triq in-Nissieg, Zabbar bejn il-karozza bin-numru ta' registrazzjoni JAI 534 misjuqa mill-konvenut

u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBI 546 proprjeta' ta' Neville Delmar u misjuqa minnu stess.

Ra r-Risposta ta' Jason Magro li biha wiegeb illi l-incident tat-traffiku in kwistjoni gara unikament htija ta' l-istess attur Neville Delmar.

Sema' x-xhieda tal-Local Warden W273 Eric Sciberras, Joseph Buttigieg, David Debono, Neville Delmar u ta' Jason Magro.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Daphne Dodebier ghall-atturi u ta' Dr Joseph Zammit McKeon ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kollizjoni sehhet fi Triq in-Nissieg, Zabbar. It-triq hija *dead end* u jistghu jipparkjaw karozzi fuq iz-zewg nahat tat-triq.

Jirrizulta illi dakinhar tal-kollizjoni Neville Delmar kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBI 546 liema karozza hija Toyota Corolla bajda. Huwa kien dahal fi Triq in-Nissieg u kien ipparkjat. Jason Magro kien qed isuq karozza maroon, Toyota wkoll bin-numru ta' registrazzjoni JAI 534 u wkoll kien dahal fi Triq in-Nissieg u wkoll kien ipparkja. Magro kellu zewgt ixkejjer tas-cement fil-karozza tieghu, hareg xkora wahda biex tellaghha fil-bini agjacenti fejn kien qed jaghmel xi xoghlijiet fuqu, nizel u tella' t-tieni xkora. Huwa kien innota illi l-vettura l-ohra kienet ipparkjata aktar 'il quddiem minnu. Meta huwa nizel fil-karozza tieghu, billi Triq in-Nissieg hija *dead end* u m'hemmx fejn iddawwar, huwa saq ftit 'il quddiem u beda jirriversja. Hin minnhom wasal biswit vann ipparkjat, waqaf u ta tazza tat-te vojta lil sidha li kien qieghed hdejn il-vann. Kien se jerga' jibda jirriversja u sema' hoss u b'hekk intebah illi l-vettura misjuqa minn Delmar kienet giet minn quddiemu bir-*reverse* ghal fuqu u laqat kemm lilu u kemm lill-vann.

Delmar da parti tieghu xehed illi huwa veru kien qed jirriversja u huwa u jirriversja kien qieghed ihares lura bejn is-seat tieghu u dak tal-passiggier u kien ra vann ipparkjat li kien ftit maqlugh ‘il barra mill-vettura l-ohra. Hares mill-mera tal-genb biex jara setax jghaddi u kkalkula li seta’ jghaddi tajjeb. Jghid li dar biex ihares ghal darb’ ohra bejn iz-zewg seats u f’daqqa wahda kif hares lura ntebah li xi hadd kien dahal go fih. Delmar jghid illi qabel l-incident il-vettura ta’ Magro kienet ipparkjata u jsostni illi fil-fatt kienet din il-karozza pparkjata li rriversjat ghal fuqu. Sahansitra jghid illi fil-mument li kien qed jirriversja din il-vettura kienet ukoll ipparkjata.

Huwa evidenti li hemm kuntrast serju bejn iz-zewg verzjonijiet li taw iz-zewg sewwieqa quddiem dan it-Tribunal billi Delmar jghid illi kien qed jirriversja u f’daqqa wahda Magro hareg mill-pozizzjoni ta’ parking bir-*reverse* u dahal ghal fuqu, mentri Magro jghid li kien qed jirriversja, waqaf f’nofs it-triq biex jaghti t-tazza tat-te lis-sid tal-vann u f’dak il-hin Delmar ipprova jghaddi bejn il-vettura tieghu u l-vann izda ma rnexxielux u laqat iz-zewg vetturi.

F’dan ir-rigward tajjeb li t-Tribunal jaghmel referenza ghall-verzjonijiet li dawn iz-zewg sewwieqa taw lill-Warden fil-mument ta’ l-incident. Skond ir-Rapport esebit mill-Warden, Magro qal hekk:

“Kien hemm vetturi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq – jien kont quddiem il-vettura tal-left – saqt ‘il quddiem u bdejt nirriversja biex nghaddi bejniethom. Giet il-vettura DBI 546 u dahlet bir-*reverse* bejnietna u laqat il-vettura tieghi u l-vettura GAD 189.”

Din il-verzjoni tikkombacja perfettament ma’ dak li xehed l-istess Magro quddiem dan it-Tribunal.

Illi ghar-rigward ta’ Delmar, dwar dak li huwa qal lill-Warden hemm imnizzel hekk:

“Kont qed nirriversja lura fin-nofs tat-triq ghax kien hemm vetturi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq – kont qed nara

li nghaddi bejn iz-zewg vetturi u f'daqqa wahda nisma' hoss."

Din il-verzjoni ta' Delmar hija daqsxejn differenti mill-verzjoni aktar dettaljata li ta quddiem dan it-Tribunal izda li huwa sostanzjalment differenti huwa l-fatt li lill-Warden, Delmar m'allegax li d-driver l-iehor irriversja ghal fuqu – kif qed jallega quddiem dawn il-proceduri.

Illi inoltre, jekk wiehed jezamina sew in-natura tad-daqqa li ghandha fuqha l-karozza l-bajda, cjoe' l-vettura misjuqa minn Delmar wiehed jinnota li fil-fatt din il-karozza ghandha daqqa li tikkombacja ma' manuvra ta' *reversing* li in parte laqtet il-vann u in parte laqtet il-kaxxa l-aktar sporguta ta' l-istess vann.  Dwar dan wiehed ghandu jaghmel paragun mar-ritratt esebit a fol 21 tal-process u r-ritratt esebit a fol 24 tal-process.  Fil-fatt fil-vettura murija a fol 24 tal-process jidher car illi l-vettura ta' Delmar hasset sew ix-xewka rettangolari tal-kaxxa tal-vann.

Delmar ipprova jargumenta illi fil-fatt il-vettura ta' Magro kienet imbuttatu lagenbha izda mill-mod kif gew il-hsarat dan ma tantx jidher illi huwa verosimili.

It-Tribunal m'huwiex konvint li kien Magro li laqat il-vettura ta' Delmar u jidhirlu li l-verzjoni kif taha Magro hija aktar verosimili fis-sens illi fil-mument ta' l-incident huwa kien wieqaf appik li jibda jirriversja u li Delmar ipprova jghaddi bejn il-karozza ta' Magro u l-vann ipparkjat izda kkalkula hazin u laqat iz-zewg vetturi.

In vista ta' din ir-rizultanza, l-konkluzjoni li ssegwi hija li t-talba attrici ghandha tigi respinta stante illi jidher li kien Delmar li kien unikament responsabbli ghall-akkadut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------